MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# TRIBUNAL GHAT-TALBIET IZ-ZGHAR

**ONOR. IMHALLEF**
**FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta ta' 23 ta' Ottubru, 2002

Appell Civili Numru. 76/2001/1

Albert Schembri
vs
Joseeph u Elen konjugi Ellul

**IS-SENTENZA APPELLATA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar tat-22 ta' Frar, 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej:

***It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2001, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) rapprezentanti hsarat ikkagunati fil-propjeta' tal-attur, u cioe' f'hajt divizorju formanti parti mill-fond Tereza House, Triq San Guzepp, Luqa, u b'digriet tas-26 ta' Novembru, 2001, jigu kancellati l-kliem 'Tereza House, Triq San Guzepp, Luqa'*

*u jigu sostitwiti bil-kliem 'Plot 25, Mikelang Sapiano Street, Luqa'.*
*Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid, kontra l-konvenuti.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew:-*

*1. Fl-ewwel lok, il-hsara lamentata ma gietx ikkawzata mill-konvenuti;*

*2. Fit-tieni lok, l-ammont li qieghed jigi reklamat huwa eccessiv;*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-attur.*

*Sema' x-xhieda tal-attur, ta' PS 544 Raphael Schembri u tal-konvenut Joseph Ellul. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.*

*Ikkunsidra:-*
*1. Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) bhala danni kagunati mill-konvenuti fil-hajt tal-parapett tal-garaxx tal-attur li jinsab fi Plot 25, Triq Mikelang Sapiano, Luqa, waqt li l-konvenut Joseph Ellul kien qed jirriversja bil-vann tal-marka Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni KAA 569.*

*2. Illi l-konvenuti jsostnu li l-hsara lamentata mill-attur ma gietx kawzata minnhom.*

*3. Illi l-konvenut Joseph Ellul xehed li l-vann in kwistjoni isuqu huwa biss u ghalhekk jidher li l-konvenuta Elen Ellul tista' tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*4. Illi mill-provi effettivament irrizulta li l-attur ma rax lill-konvenut jirriversja fil-hajt u jikkawza l-hsara. L-attur iddecieda li kien il-konvenut li kkawzalu l-hsara fil-hajt ghal diversi ragunijiet: (i) Il-konvenut kien jirriversja fid-'drive in' propjeta' tal-attur ta' spiss' (ii) huwa kien diga' kkawza*

*hsarat fil-propjeta' tal-attur waqt li kien qed jirriversja; (iii) dakinhar li skopra l-hsara fil-hajt, l-attur ikkkonstata wkoll li l-konvenut kellu hsara fuq in-naha ta' wara tal-vann, liema hsara kienet kompatibbli mal-hsara kagunata fil-hajt fis-sens ukoll li kien ghad hemm il-marka tal-gebel tal-hajt fuq il-'bumper' tal-vann.*

*5. Illi s-surgent tal-Pulizija li ha r-rapport u li acceda fuq il-post, P.S. 544 Raphael Schembri ikkonferma li huwa ra l-hsara kagunata fil-hajt propjeta' tal-attur u xehed ukoll li meta ezamina l-vann propjeta' tal-konvenut ikkonstata li fuq il-'bumper' "kien hemm qiesu bicca mill-gebel tal-hajt tal-attur". Huwa kkonferma wkoll li l-hsara li ra fuq il-vann kienet kif tirrizulta fir-ritratt immarkat bhala Dok. AA2 u esibit a. fol. 36. Inoltre, dan i-xhud qal ukoll li l-hsara li kien hemm fil-hajt kienet bejn wiehed u iehor l-gholi tal-'bumper' tal-vann tal-konvenut.*

*6. Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal, l-attur irnexxielu jipprova fuq bilanc ta' probabilitajiet, kif tenut jaghmel fil-kamp civili, li l-hsara fil-hajt giet ikkagunata mill-konvenut.*

*7. Illi l-konvenut qed jallega wkoll li d-danni reklamati mill-attur huma esagerati. A. fol. 41, l-attur esibixxa prospett tad-danni u ghalkemm huwa ma prezentax l-ircevuti relattivi, mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Jannar, 2002, jidher illi l-konvenut ezenta lill-attur milli jipproduci l-ircevuti. Inoltre, l-konvenut ma ressaqx provi ulterjuri sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni. It-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mill-attur huwa ragonevoli u konformi mal-hsara kagunata mill-konvenut.*

*Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qatgha w ddecieda billi filwaqt li illibera lill-konvenuta Elen Ellul mill-osservanza tal-gudizzju, laqgha t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Ellul u konsegwentement ikkundanna lill-istess konvenut Joseph Ellul ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00).*

*L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.*

**AGGRAVJU**

Joseph Ellul hass ruhu aggravat minn din is-sentnza u interpona appell li bih issottometta li l-appellat talab illi l-appellanti jigu kkundannati jhallsu lill-appellat is-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50.00) rapprezentanti hsarat ikkagunati fil-proprjeta’ tal-appellat, u cioe’ f’hajt divizorju formanti parti mill-fond Tereza House, Triq San Guzepp, Luqa, u b’digriet tas-26 ta’ Novembru 2001 gie kancellat il-kliem “Tereza House” Triq San Guzepp, Luqa u gie sostitwit bil-kliem Plot 25, Mikelang Sapiano Street, Luqa, bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid kontra l-appellant.

Illi hu hass ruhu aggravat b’din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minn din id-decizjoni tat-22 ta’ Frar 2002.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u fis-semplicita’ tieghu jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok dan l-appell qed jigi bbazat ai termini tal-artikolu 8 (2) (d) tal-Att V tal-1995 dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar peress illi l-Ewwel Tribunal b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita’ u ta’ l-ekwita’ skond il-ligi u tali azzjoni ippregudikat il-jeddijiet tal-appellant, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, appellant odjern, kienet illi l-hsara lamentata ma gietx ikkawzata minnu. F’dan ir-rigward m’hemmx xhieda okulari li b’xi mod setghu jghidu b’certezza li kien l-appellant li ghamel hsara fil-hajt divizorju. L-appellant odjern qatt ma ammetta li kellu xi tort ghall-hsara li allegatament sofra l-appellat. L-Ewwel Tribunal strah fuq il-fatt li:

1) L-appellant kien jirriversja fid-drive in tal-appellat ta’ spiss;
2) L-appellant kien diga’ kkawza hsarat fil-proprjeta’ tal-attur waqt li kien qed jirriversja; u

3) Dak in-nhar li skopra l-hsara fil-hajt, l-appellat ikkonstat wkoll li l-appellant kellu hsara fuq in-naha ta’

wara tal-van, liema hsara kienet kompatibbli mal-hsara kagunata fil-hajt fis-sens ukoll li kien ghad hemm il-marka tal-gebel mal-hajt fuq il-"bumper" tal-van.

Illi l-fatt li l-appellat allega li ken hemm diversi drabi ohra fejn l-appellant irriversja fid-drive in tieghu huwa biss allegazzjoni li bl-ebda mod ma giet ppruvata. L-anqas d'altronde ma gie ppruvat mill-appellat li l-appellant kien ikkawza hsara fil-proprjeta' tal-attur drabi ohra. Dawn huma kollha semplici allegazzjonijiet li bl-ebda mod ma gew sostanzjati minn fatti jew xhieda ohra. Kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati "***ei qui allegat probandis incumbit***"…

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-appellant u cioe' illi l-ammont reklamat huwa eccessiv jinghad li dwar kemm verament gew l-ispejjez ghall-allegati hsarat ma ngiebet l-ebda prova… Illi ghalhekk, tenut kont ta' dak fuq espost, jidher li l-Ewwel Tribunal ma kienx korrett fl-evalwazzjoni tieghu.

Ghaldaqstant l-appellant interpona appell mis-sentenza ghar-ragunijiet fuq premessi u talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza fl-ismijiet Albert Schembri vs Joseph Ellul et datata 22 ta' Frar 2002 u dana billi zzomm ferma d-decizjoni fejn illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuta Elen Ellul u tichad fl-intier taghha t-talba attrici u takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**RISPOSTA TAL-APPELLAT**

Ra r-risposta ta' Albert Schembri fejn eccepixxa:-

Illi fl-ewwel lok dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant stante illi l-appell ma jsib l-ebda bazi f'dak kontemplat fl-Artikolu 8 (2) tal-Att V tal-1995. Illi l-appellant qed jallega illi fil-proceduri quddiem l-Onorabbli Tribunal ma gewx osservati l-principji kardinali ta' imparzjalita' u ekwita'; madanakollu, fl-ebda mument tul ir-rikors tal-appell kollu, ma tigi konfortata b'xi mod din l-allegazzjoni. Fil-fatt jkun desiderabbli li jigi rilevat illi l-partijiet kontendenti nghataw kull opportunita' quddiem it-

Tribunal li jressqu l-provi taghhom in sostenn ta' dak allegat minnhom. Ghalhekk, huwa evidenti illi l-appell huwa bbazat fuq allegat apprezzament hazin tal-fatti.

Dan huwa korroborat ulterjorment minn kliem li juza l-appellant fir-rikors tieghu, b'mod partikolari b'referenza ghas-seba' (7) paragrafu, fejn jinghad: "Dawn huma kollha semplici allegazzjonijiet li bl-ebda mod ma gew sostanzjati minn fatti jew xhieda ohra" kif ukoll fid-disa' (9) paragrafu, fejn jinghad: "Illi ghalhekk tenut kont ta' dak fuq espost, jidher li l-Ewwel Tribunal ma kienx korrett fl-evalwazzjoni tieghu".

L-appellant naqas ghal kollox milli jipprova l-allegazzjoni mressqa minnu illi kien hemm vjolazzjoni mill-Onorabbli Tribunal ai termini tal-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk huwa appell ghal kollox frivolu u vessatorju; u ghaldaqstant, dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontral-istess appellant.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, u f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tidhol fil-mertu ta' dan l-appell, l-appellat irrileva s-segwenti punti.

Fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, l-appellat irrileva illi ghalkemm huwa minnu illi ma hemmx xhieda okulari li setghu jghidu b'certezza li kien l-appellant li ghamel hsara fil-hajt divizorju, jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn ix-xhieda tas-Surgent tal-Pulizija li mieghu sar rapport dwar dan l-incident u li anke acceda fuq il-post. Is-Surgent Raphael Schembri kkonferma illi l-hajt divizorju kien garrab hsara, liema hsara kienet tikkombacja u taqbel mal-frak ta' hajt li sab l-istess Surgent fuq il-bumper tal-van proprjeta' tal-appellant. L-appellant, da parti tieghu ikkonferma illi dan il-van kien proprjeta' tieghu, u ma ta l-ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni sodisfacjenti dwar kif kellu dan il-frak fuq il-bumper tal-van proprjeta' tieghu. Illi x-xhieda tas-Surgent hija kredibbli u ghandha tittiehed in konsiderazzjoni meta din l-Onorabbli Qorti tasal ghall-konkluzzjoni taghha, stante illi dan huwa xhud

imparzjali, li inoltre, ikkorrobora x-xhieda moghtija mill-istess appellat.

Illi b'referenza ghar-ritratt esebit a fol 36 tal-process, debitament ikkonfermat mis-Surgent, l-appellat irrileva illi l-allegazzjoni mressqa mill-appellant f'dan l-istadju avanzat tal-proceduri, u cioe' illi in vista tal-fatt illi ma jidhrux il-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni tal-van, allura ma hux necessarjament il-van tal-appellant, huwa argument insostenibbli stante illi se mai l-appellant kellu kull opportunita' li jitlob l-isfilz tieghu quddiem l-Onorabbli Tribunal. Ghalhekk huwa evidenti illi l-appellant qed jittanta johloq dubju f'dan l-istadju hekk avvanzat tal-proceduri.

Dwar il-punt rilevat mill-appellant illi l-esponenti ma rnexxilux jipprova illi l-istess appellant kien ikkawza hsara fil-hajt divizorju proprjeta' tal-esponenti, l-istess esponenti jirrileva illi l-kawza intavolata minnu hija ristretta ghal okkazzjoni partikolari li dwarha kien sar ir-rapport relattiv. L-appellat gab dawn l-incidenti ripetuti a konjizzjoni tal-Onorabbli Tribunal sabiex juri illi dan l-incident mertu tal-kawza ma kienx incident izolat, u sabiex issahhah ulterjorment il-vinkolu ossia r-relazzjoni guridika li tezisti bejn il-partijiet kontendenti.

Bhala l-ahhar punt, u dan b'referenza ghall-allegazzjoni mressqa mill-appellant illi l-ammont reklamat huwa eccessiv, l-esponenti jirrileva illi l-ammont mitlub huwa ammont modest hafna, u inoltre gie kkonfermat a sodisfazzjon tal-Onorabbli Tribunal mill-istess esponenti, li fl-ahhar mill-ahhar ezegwixxa hu stess hafna mix-xogholijiet ta' riparazzjoni ezegwiti fuq il-hjat divizorju, mertu tal-kawza, u dan a spejjez tieghu.

Illi ghar-ragunijiet premessi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar datata 22 ta' Frar 2002 fl-ismijiet premessi ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Fil-kawza fl-ismijiet “Grima Communications Company Limited vs Victor Said” deciza fil-15 ta’ Mejju, 2002 mill-Qorti ta’ l-Appell kif presjeduta l-Qorti qalet:

“Din il-Qorti sejra fil-qasir tikkwota il-gurisprudenza fuq dan l-aspett. Mid-decizzjonijiet tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar jista' jsir appell biss f'kazijiet limitati igifieri "fuq gurisdizzjoni, preskrizzjoni, nuqqas tat-tharis tad-disposizzjonijiet wara sospensjoni tal-procedimenti fil-kazi elenkati fl-artikolu 7 (2) u meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella" [ Ara Scerri Spiridione vs Galea Emmanuel deciza fis-26 ta’ Frar, 1998 – Imh J Filletti]. Ara wkoll Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited deciza fit-13 ta’ Jannar, 1999 – Imh J Said Pullicino. Id-dritt ta' appell fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma jestendix ghal kazijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mit-Tribunal hlief fejn dan esplicitament provdut [Ara RAF Limited vs Vella Joseph deciza fid-9 ta’ Mejju, 1997 – Imh J Said Pullicino]. "Hu car li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi wahda minn dawn is-subincizi [8 (2) (a) sa (d)] jkun irritu u null u ghandu jigi skartat minn din il-Qorti. Inoltre ghandu jkun car mill-istess rikors ta' l-appell illi l-appellant kellu jhossu aggravat bid-decizzjoni tat-Tribunal inkwantu kienet tivvjola xi wahda mis-subincizi fuq elenkati kif dispost l-artikolu 8 ta' l-istess Att V ta' l-1995." – Aggravji principalment bazati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta’ **imparzjalita’** tat-Tribunal jew ma’ xi allegazzjoni li dan mar **kontra d-dettami tal-ekwita** kif trid il-ligi ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380 - Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited fuq imsemmija.

Izda jekk inghatat sentenza “u ma gewx rispettati **d-drittijiet procedurali ta' wahda mill-partijiet,** u partikolarment dik li tinstema', u li tinghata l-opportunita' li tinstemgha, dan jaghti dritt ghal appell" [Ara The Performing Rights Society vs Underground Limited deciza

fis-7 ta' Mejju, 1998 – Imh L Agius]. F'kaz ta' rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li ma giex degretat ghax ma giex konsenjat lit-Tribunal qabel il-prolazzjoni, izda li fil-kors tal-kawza is-socjeta' appellanti "kellha l-opportunita' kollha li tikkontesta bil-mod previst mill-ligi t-talbiet attrici fiz-zmien indikat mill-istess ligi, u... dan baqghet m'ghamlitux" ma jintitolax lill-appellant jirnexxi fl-appell.

Issa s-socjeta' appellanti qedgha ssostni li t-Tribunal wettaq ingustizzja kbira u mar b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u l-ekwita' skond il-ligi, u dik l-azzjoni ppregudikat il-jeddijiet tal-appellanti meta l-gudikant, fil-mument li kien qed jipprolata s-sentenza, minn jeddu, qajjem eccezzjoni ta' novazzjoni li ma qajjimhiex il-konvenut u li mhix ta' ordni pubblika. Izda kif issemma aktar 'l fuq id-dritt tal-appell fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma jestendix ghal kazijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi u allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi ma jaqghux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380. Tali ksur irid ikun ta' certu gravita' bi ksur procedurali lampanti bhal ksur tal-principji naturali tal-gustizja bhal l-"audi alteram parten". Din il-Qorti ma thossx li dan kien il-kaz meta tqajmet il-kwistjoni tan-novazzjoni, u dwar dak li s-socjeta' appellanti sostniet dwar in non osservanza tal-forza u effett ta' obbligi kuntrattwali. Minhabba dan, din il-Qorti thoss li ghanda tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat appellat dwar il-fatt li ma kienx hemm lok ta' appell. Minhabba f'hekk mhux il-lok li l-Qorti tezamina ulterjorment dan l-appell."

Fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell l-abili Dr Abela sostna li l-Kap 380 ghandu jigi nterpretat b'sens ta' ekwita' u ghalhekk l-Qorti kella l-obbligu li testendi d-dritt ta' l-appell jekk tinnota li l-ekwita' giet possibbilment milquta. Dan minhabba li l-Kap 380 Artikolu 7 (1) jsemmi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita'. Dr Bezzina abilment irreplikat li a tenur tal-ligi l-appellant ma kellux dritt ta' appell, u ghalhekk ghandu jbaghti d-doppio spese.

Il-Qorti irriflettiet fit-tul fuq il-mertu tal-kaz, it-trattazzjoni fl-appell, dak li hi stess pronunzjat ruhha dwaru fis-sentenza fuq citata “Grima Communications Company Limited vs Victor Said” deciza fil-15 ta’ Mejju, 2002. Waslet ghall-konkluzzjoni li terga tafferma dak li ntqal f’din is-sentenza. Ligi specjali tista’ tidderoga minn ligi generali u l-Kap 380 huwa ligi specjali fejn t-termini tal-appell gew cirkoskritti mill-legislatur fit-termini specifikati fl-artikolu 8. Wiehed ghandu jirrifletti jekk in vista tal-fatt li llum il-gurnata il-kompetenza ***ratione valoris*** giet notevolment awmentata dawk it-termini ghandhomx jigu estizi; izda dan hu kompitu tal-legislatur u mhux tal-gudikant. Ir-ragunijiet ta’ l-appell huma delinejati u l-gudikant ma jistax jestendihom. Ir-ragunar li hawn il-gudikant ghandu l-obbligu li jimxi fuq l-ekwita kif specifikat fl-artikolu 7 ghandu l-istess validita’ daqs l-artikolu 8 li jsemmi t-termini tal-appell. L-artikolu 7 mhux superjuri ghall-artikolu 8. U fl-interpretazzjoni tal-artikolu 8 din il-Qorti gja semmiet x’qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-erba’ imhallfin li mexxewha.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell.

Spejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.